MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 146/2007

**Joseph Ciscaldi**

**Vs**

**James Marsala**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta` Frar, 2007, fejn intalab illi l-konvenut kellu jigi kkundannat ihallas lil attur is-somma ta` sebgha mija, u hamsa u sittin lira (Lm765), rapprezentanti valur ta` kiri ta` vettura ghal perjodu bejn it-18 ta` Awissu, 2005 u l-14 ta` Frar, 2006, bl-imghaxijiet legali li ghandhom jibdew jiddekorru mill-14 ta` Frar, 2006 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 31 ta` Lulju, 2006 u ta` mandat ta` sekwestru kawtellatorju datat 22 ta` Marzu, 2006 u kif ukoll ta` mandat iehor ipprezentat kontestwalment ma` dan l-avviz.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` x-xhieda ta` Dottoressa Melanie Schembri li kkonfermat bil-gurament taghha illi l-ammont pretiz f`dina l-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Gie notat ukoll illi l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa` ma deherx ghal din is-seduta sabiex jikkuntesta l-provi migjuba mill-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lil attur is-somma ta` €1,781.97 (Euros) ekwivalenti ghal ammont indikat fl-avviz ta` Lm765, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` l-ittra ufficcjali tal-31 ta` Lulju, 2006 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------